A.L. 14 tal-2021

ATT DWAR ID-DĦUL TA' MALTA BĦALA MEMBRU TAL-FOND MONETARJU INTERNAZZJONALI (KAP. 209)

Ordni tal-2021 dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali (Ftehim dwar Self 2020)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu permezz tal-artikolu 8 tal-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dan l-ordni li ġej:

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali (Ftehim dwar Self 2020).

Dikjarazzjoni.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Fond Monetarju Internazzjonali ser jidħlu fi ftehim bilaterali għal skop ta' self ta' ammont denominat lill-Fond ta' Drittijiet Speċjali ta' Ġbid suġġett għad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Ftehim dwar Self 2020, skont it-Taqsima 1(i) tal-Artikolu VII tal-Ftehim tal-Fond fl-Iskeda tal-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali;

Kap. 209.

(b) illi l-paragrafu 2(a) tal-Ftehim dwar Self 2020 jipprovdi illi t-terminu tiegħu jiskadi f'Diċembru 31, 2023; bil-kundizzjoni li l-Fond jista' jestendi it-terminu għal sena ulterjuri sa Diċembru 31, 2024 permezz ta' deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni ta' likwidità ġenerali tal-Fond u r-rekwiżiti attwali u prospettivi ta' self, u bil-kunsens tal-Bank Ċentrali ta' Malta;

(ċ) illi s-self ta' ammont denominat lill-Fond ta' Drittijiet Speċjali ta' Ġbid misluf mill-Bank Ċentrali ta' Malta taħt il-Ftehim dwar Self 2020 għandu jkun ekwivalenti sa mitejn u sittin miljun euro (€260,000,000);

(d) illi s-self ta' ammont denominat lill-Fond ta' Drittijiet Speċjali ta' Ġbid ser ikun awtomatikament imnaqqas għall-mija u tnax-il miljun euro (€112,000,000) ladarba jkun irduppjat is-sors primarju għal riżorsi temporanji tal-Fond Monetarju Internazzjonali;

(e) illi huwa espedjenti illi dawk l-arranġamenti taħt il-Ftehim dwar Self 2020 għandhom isiru effettivi mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar Self 2020 u skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-istess Ftehim dwar Self 2020;

(f) illi l-Ftehim dwar Self 2020 ser jidħol fis-seħħ minnufih mal-iffirmar tiegħu.